KUNSILL STUDENTI UNIVERSITARJI

Students' House, University of Malta, Msida, MSD 2080

+356 2340 2104 – info@ksu.org.mt

**KSU LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2024**

**Data: 30 ta' April 2024**

**Post: Sala Sir Temi Zammit – Università ta' Malta**
**Ħin - 11:30 am**

---

**12:00 pm**

Skont il-proċedura tal-Laqgħa hekk deskritt f'Artiklu 11 tal-Istatut tal-KSU, hekk approvat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2023, Zane Camilleri, Segretarju Ġenerali tal-KSU, jilqa' lil dawk preżenti għal-Laqgħa Annwali u jinforma li l-laqgħa kienet se tibda.

Is-Segretarju Ġenerali jispjega li minħabba li l-kworum kien għadu ma ntlaħaqx, se jerġgħu jinfetħu l-bibien. Il-laqgħa titmexxa bi tletin (30) minuta sakemm jintlaħaq il-kworum.

Il-bibien jinfetħu u jerġgħu jibdew deħlin l-istudenti.

**12:30 pm**

Is-Segretarju Ġenerali javża lil dawk preżenti li l-kworum intlaħaq u għalhekk il-bibien se jinfetħu u tibda l-Laqgħa Annwali 2024. Is-Sur Zane Camilleri jispjega li għal kull vot li se jittieħed, ser jingħalqu l-bibien u ħadd mhu ser jkun jista' jidħol fis-sala sakemm jittieħed il-vot.

Il-President fi ħdan il-KSU, is-Sur Jeremy Mifsud Bonnici, sejjaħ għall-ħatra tat-Tellers. Huwa jipproponi lis-Sinjorina Martina Pace u lis-Sinjorina Francesca Caruana, u jiġi sekondat minn Zane Camilleri, Segretarju Ġenerali fi ħdan il-KSU.

**ĦATRA TAS-SEDJA**

Is-Sur Zane Camilleri jipproponi u jiġi sekondat minn Jeremy Mifsud Bonnici, President fi ħdan il-Kunsill, lis-Sur Beppe Lauri.

La darba ma sarux aktar nominazzjonijiet, is-Segretarju Ġenerali sejjaħ għal vot biex jiġi approvat is-Sedja.

Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala huwa disa' u tmenin (89). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **89**

Is-Sedja jiġi maħtur. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja, is-Sur Beppe Lauri, beda billi jirringrazzja lis-Segretarju Ġenerali u l-President tal-KSU u dawk kollha preżenti li ġew illum biex ikunu parti minn dan l-ogħla organu tal-Kunsill. Is-Sedja jħeġġeġ lill-istudenti biex id-diskussjoni tkun waħda matura, hekk kif meħtieġ mill-ogħla istituzzjoni tal-istudenti, u li importanti li meta niġu biex jingħata vot, il-vot li jingħata jkun ċar.

Is-Sedja jkompli jinforma lil dawk preżenti li għall-fini ta' trasparenza, fis-sala hemm preżenti xi wħud li m'humiex studenti u għaldaqstant m'għandhomx vot. Dawn huma, Zane Camilleri, Matthea Borg, it-technicians li qed jieħdu ħsieb is-sistema tas-sound ġewwa s-sala u s-Sinjura Daniela Fitzpatrick, Segretarja fi ħdan il-KSU. Is-Sedja jkompli billi jgħid li fil-każ ta' bżonn, huwa għandu l-vot deċisiv u jispjega l-irwol tat-Tellers.

Is-Sedja jixtieq javża lill-midja u lill-fotografu preżenti li ma jieħdux ritratti f'mumenti ta' voti u lanqas jippublikaw kif ivvutaw il-membri fis-sala.

Is-Segretarju Ġenerali jinforma li se tinfetaħ Speakers List għal dawk li jixtiequ jgħaddu xi kumment.

**APPROVAZZJONI TAL-AĠENDA**

L-Aġenda tiġi mtella' fuq l-iskrin preżenti u tiġi moqrija mis-Sedja. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies preżenti huwa tnejn u disgħin (92). Jittieħed vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

L-Aġenda tiġi approvata u jinfetħu l-bibien

**MINUTI: RAPPORT TAL-MINUTI U APPROVAZZJONI**

Is-Sur Zane Camilleri, Segretarju Ġenerali, jispjega li l-minuti mhux se jinqraw u li jinstabu fuq il-website tal-KSU.

Is-Segretarju Ġenerali jikkwota l-Istatut tal-KSU, *Appendiċi: Taqsima 4, Punt 23*, li jgħid hekk:

***"Il-minuti tal-Laqgħa Ġenerali preċendenti ma jinqrawx iżda jkunu għad-dispożizzjoni tal- imseħbin sa mhux inqas minn tlett (3) ijiem qabel."***

Is-Sedja sejjaħ għal vot. Jingħalqu l-bibien, numru ta' nies fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot.

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **0** |
| **Voti Favur:** | **92** |

Il-Minuti jiġu approvati u jinfetħu l-bibien.

**RAPPORT ANNWALI**

Is-Sedja jispjega li l-proċedura se tkun bħal dik ta' snin preċedenti. Tfisser li l-ewwel se jinqara r-Rapport Amminstrattiv imbagħad dak Finanzjarju. Wara kull rapport jittieħed vot. Il-kumplament tar-rapporti se jinqraw skont il-proċedura miktuba fl-Istatut. Wara jissejjaħ vot għall-approvazzjoni ta' dawn ir-rapporti.

**<u>Rapport Amminstrattiv</u>**

Is-Sedja għaldaqstant jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jitla' jaqra r-Rapport Amministrattiv għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-Istatut.

Is-Sedja jsejjaħ għal vot. Jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala, tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot.

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **0** |
| **Voti Favur:** | **92** |

Ma jkunx hemm l-ebda intervent, għaldaqstant ir-rapport Amministrattiv jiġi approvat. Jinfetħu l-bibien.

KUNSILL STUDENTI UNIVERSITARJI

Students' House, University of Malta, Msida, MSD 2080

+356 2340 2104 – info@ksu.org.mt

**Rapport Finanzjarju**

Is-Sedja jitlob lis-Sinjorina Kylie Decelis, Uffiċjal Finanzjarju, sabiex tgħaddi għall-qari tar-Rapport Finanzjarju.

L-Uffiċjal Finanzjarju taqra r-rapport għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-Istatut.

Ma jkun hemm l-ebda intervent. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala wieħed u disgħin (91). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **91**

Ir-Rapport Finanzjarju jiġi approvat. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jispjega li issa se jinqraw ir-Rapporti Annwali skont l-ordni tal-Istatut kif ġie spjegat qabel. Wara li dawn ir-rapporti jiġu moqrija kollha, se tinfetaħ diskussjoni fejn l-ewwel jittieħdu l-mistoqsijiet kollha mbagħad il-membri tal-Eżekuttiv iwieġbu skont il-qasam.

Meta d-diskussjoni tintemm, jittieħed il-vot en bloc. Jinfetħu l-bibien u jibdew jinqraw ir-Rapporti f'din l-Ordni.

- Rapport tal-President jinqara minn Jeremy Mifsud Bonnici
- Rapport tal-Viċi President għall-Affarijiet Interni minn Zachea Scicluna
- Rapport tal-Viċi President għall-Affarijiet Esterni minn Luke Bonanno
- Rapport tas-Segretarju Ġenerali jinqara minn Zane Camilleri
- Rapport Finanzjarju jinqara minn Kylie Decelis
- Rapport tal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jinqara minn Matthea Borg

Is-Sedja tistieden biex jibdew jinqraw il-kumplament tar-rapporti.

- L-ewwel rapport jinqara mill-Ufficjal għall-Midja u Disinn fi ħdan il-KSU, Rachel Grech Flores.
- It-tieni rapport jinqara mill-Uffiċjal għall-Affarijiet tal-Istudent u Internazzjonali fi ħdan il-KSU, Giulia Bugeja.
- It-tielet rapport jinqara mill-Uffiċjali tal-Kultura u Divertiment fi ħdan il-KSU, Bianca Pace u Amy Govus.

- Ir-raba' rapport jinqara mill-Uffiċjal tal-Edukazzjoni fi ħdan il-KSU, Daniel Zammit Lupi.
- Il-ħames rapport jinqara mill-Uffiċjal għall-Politika Soċjali fi ħdan il-KSU, Matthias Azzopardi.
- Is-sitt u l-aħħar rapport jinqara mill-Kummissarju fi ħdan il-KSU, Kristina Felice Pace.

Is-Sedja jirringrazzja lill-membri tal-Eżekuttiv tal-kontribut tagħhom u jitlob jekk hemmx xi mistoqsijiet. Minħabba li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet, is-Sedja titlob sabiex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ għal vot fuq ir-Rapporti Annwali.

Numru ta' nies fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

Ir-Rapporti Annwali jiġu approvati. Jinfetħu l-bibien.

**ĦATRA TAL-BORD TAD-DIXXIPLINA U TAL-BORD TAL-APPELL**

Is-Sedja jispjega li skont l-Istatut tal-KSU se jinħatru ħames (5) membri għall-Bord tad-Dixxiplina u żewġ (2) membri oħra bħala riżerva. Għall-Bord tal-Appell jiġu maħtura tliet (3) membri u riżerva waħda (1). Is-Sedja jitlob għan-nominazzjonijiet.

Is-Sur Lauri beda jaqra n-nominazzjonijiet li waslu u kkonferma li n-nominazzjonijiet huma kollha regolari.

**<u>Bord tad-Dixxiplina</u>**

Is-Sinjorina Matthea Borg tinnomina lil Naomi Deguara, Julia Debono, Angele Gauci u Neil Zahra u bħala riżerva lil Gabriel Bonavia u Kylie Decelis. Tiġi sekondata minn Zane Camilleri.

L-ebda aktar nominazzjonijiet ma tressqu, b'hekk is-Sedja sejjaħ għal vot. Jingħalqu l-bibien. Nies preżenti fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot:

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

Il-Bord tad-Dixxiplina ġie konfermat. Jinfetħu l-bibien.

**<u>Bord tal-Appell:</u>**

Jitressqu n-nominazzjoniet lis-Sedja għall-Bord tal-Appell.

Kylie Decelis tipproponi lil Elisa Micallef Peplow, Zane Camilleri, Matthea Borg u lil Jeremy Mifsud Bonnici bħala riżerva. Is-Sinjorina Decelis ġiet sekondata minn Matthias Azzopardi.

La darba ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet, is-Sedja jitlob sabiex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ il-vot. Nies fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-Vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

Il-Bord tal-Appell ġie approvat. Jinfetħu l-bibien.

**ĦATRA TAL-AWDITUR**

L-Uffiċjal għall-Finanzi, is-Sinjorina Kylie Decelis, tinnomina lil Andrew Galea and Associates bħala Awdituri. Hija tiġi sekondata minn Jeremy Mifsud Bonnici.

Ma tressqu l-ebda aktar nominazzjonijiet, għaldaqstant is-Sedja sejjaħ għal vot. Jingħalqu l-bibien. Nies preżenti fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astenzjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

Il-mozzjoni għall-ħatra tal-Awditur ġiet kkonfermata. Jinfetħu l-bibien.

**ĦATRA TAL-AVUKAT**

Is-Sur Jeremy Mifsud Bonnici, President fi ħdan il-KSU, jipproponi lill-Avukati Fenech & Fenech Advocates bħala Avukati fi ħdan il-KSU għas-sena 2024. Zachea Scicluna, Viċi President għall-Affarijiet Interni, tissekonda l-proposta tal-President.

KUNSILL STUDENTI UNIVERSITARJI
Students' House, University of Malta, Msida, MSD 2080
+356 2340 2104 – info@ksu.org.mt

Is-Sedja jinforma li ma waslet l-ebda aktar nominazzjoni u għaldaqstant nistgħu nipproċedu għal vot.

Nies fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

L-Avukati Fenech & Fenech Advocates jiġu kkonfermati.

**ĦATRA TAL-Kumitat Supervizorju u Konsultattiv tal-Finanzi (KSKF)**

Is-Sedja jsaqsi għan-nominazzjonijiet li waslu għal dan il-kumitat u jikkonferma li kien hemm nominazzjoni waħda.

Il-Viċi President għall-Affarijiet Interni, Zachea Scicluna, sekondata minn Luke Bonanno, tipproponi lil Thomas Galea, Zane Camilleri u Matthias Azzopardi.

La darba ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala tnejn u disgħin (92). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **92**

Il-KSKF jiġi kkonfermat. Jinfetħu l-bibien.

**ĦATRA TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI**

Is-Sur Beppe Lauri jispjega li l-ewwel se jiġi elett il-Kap Kummissarju u wara jinfetħu n-nominazzjonijiet għall-membri tal-Kummisjoni.

Is-Segretarju Ġenerali, Zane Camilleri, jispjega li għall-Kap Kummissarju, il-KSU rċieva nominazzjoni waħda mingħand is-sur Hertian Salameh Cachia, sekondat minn Martina Azzopardi li jipproponu lis-Sur Steve Zammit Lupi.

Students' House, University of Malta, Msida, MSD 2080
+356 2340 2104 – info@ksu.org.mt

La darba ma daħlux l-ebda aktar nominazzjonijiet, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala wieħed u disgħin (91). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **91**

Il-Kummissarju Elettorali, is-Sur Steve Zammit Lupi, jiġi maħtur. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jitlob sabiex jitressqu n-nominazzjonijiet għall-membri tal-Kummissjoni Elettorali. Is-Sedja jinforma li tressqu erba' nominazzjonijiet. Is-Sedja jaqra n-nominazzjonijiet li waslu.

Tasha Schembri, sekondata minn Cristina Macelli, tipproponi lil Yacopo Baldacchino u sekondata minn Nicole Carabott, tipproni wkoll lil Cherise Sultana. Hertian Salameh Cachia, sekondat minn Krista Pisani, jipproponi lil Jan Luke Sammut u lil Sheldon Zerafa.

Għaldaqstant, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala wieħed u disgħin (91). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **91**

Il-Kummissjoni Elettorali tiġi approvata u jinfetħu l-bibien.

**ĦATRA TAL-PERIT**

Jeremy Mifsud Bonnici, President tal-KSU, jinnomina lill-Perit Duncan Muscat bħala Perit tal-KSU, u jiġi sekondat minn Zane Camilleri. La darba ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet, is-Sedja jitlob biex jingħalqu l-bibien sabiex jittieħed vot. Nies fis-sala wieħed u disgħin (91). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **91**

Il-Perit Duncan Muscat jiġi approvat bħala Perit tal-Kunsill.

**DISKUSSJONI U VOTAZZJONI FUQ IL-MOZZJONIJIET IMRESSQA MILL-EŻEKUTTIV JEW L-IMSIEĦBA**

Is-Sedja jispjega li kien hemm numru sostanzjali ta' mozzjonijiet imressqa, mija tmienja u erbgħin (148). Is-Sur Lauri saqsa lill-President Jeremy Mifsud Bonnici jispjega l-proċedura kif ser jinqraw dawn il-mozzjonijiet. Is-Sur Mifsud Bonnici spjega li minħabba li kien hemm numru kbir ta' mozzjonijiet, huwa jisuġġerixxi li jinqraw il-mozzjonijiet u tingħata spjega wara kull mozzjoni u jittieħed vot wieħed għall-mozzjonijiet kollha. La darba ma kienx hemm l-ebda oġġezzjoni, is-Sedja sejjaħ għal vot għal dan is-suġġeriment.

Nies fis-sala wieħed u disgħin (91. Jingħalqu l-bibien u jittieħed il-vot

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **91**

Is-suġġeriment tas-Sur Jeremy Mifsud Bonnici jigi approvat u minnufiħ bdew jinqraw il-mozzjonijiet kollha. Is-Sedja jinforma lil dawk preżenti li l-mozzjonijiet kollha li ġew moqrija mis-Sur Jeremy Mifsud Bonnici huma mehmuzin flimkien mal-minuti u jistgħu jinstabu online.

Is-Sedja stieden lill-President fi ħdan il KSU jibda jaqra l-kumplament tal-mozzjonijiet li ddaħħlu.

L-ewwel mozzjoni proposta minn Jeremy Mifsud Bonnici, sekondat minn Kylie Decelis, fejn jipproponi mozzjoni f' Silta 3, fl-Artiklu 3.2 li jiġi emendat**.**

Tgħid hekk:

***Li jiżdied l-artiklu 3.2 ħalli jirrikonċilja mal-Istatut Ingliz. "Il-Membri Sħaħ tal-KSU huma l-istudenti li jkunu uffiċjalment reġistrati bħala studenti fl-Università ta' Malta minn ħin għal ħin li jinkludu studenti reġistrati mal-Università ta' Malta li jattendu dawn l-istituzzjonijiet li ġejjin".***

La darba ma sar l-ebda intervent, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala wieħed u disgħin (91). Jingħalqu l-biebien u jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **91**

Il-mozzjoni tiġi approvata. Jinfetħu l-bibien.

It-tieni mozzjoni proposta minn Jeremy Mifsud Bonnici, sekondat minn Kylie Decelis, fejn jipproponi mozzjoni f' **Silta 32, Artiklu 32.2**

Tgħid hekk:

***Dan l-artiklu għandu jitħassar.***

La darba ma sar l-ebda intervent, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala seba' u tmenin (87). Jingħalqu l-biebien u jittieħed il-vot.

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **0** |
| **Voti Favur:** | **87** |

Il-mozzjoni tiġi approvata. Jinfetħu l-bibien.

It-tielet mozzjoni proposta minn Jeremy Mifsud Bonnici, sekondat minn Kylie Decelis fejn jipproponi mozzjoni f' **Silta 5, Artiklu 5.1**

Tgħid hekk:

***"Il-KSU huwa moviment studentesk, soċjo-politku, rappreżentattiv, indipendenti minn partiti politiċi, awtoritajiet ċivili u reliġjużi u istituzzjonijiet kummerċjali" tinbidel għal "Il-KSU huwa moviment studentesk, soċjo-politku, rappreżenttativ u organizzattiv, indipendenti minn partiti politiċi, awtoritajiet ċivili u reliġjużi u istituzzjonijiet kummerċjali. Il-KSU hija organizzazzjoni volontarja, awtonoma u m'għandhiex skop ta' qligħ. L-ebda parti mill-profitti, kapital jew assi tal-organizzazzjoni ma jistgħu jintużaw għal benefiċċju personali, kemm dirett u indirett, tal-ebda persuna involuta f'kwalunkwe tip ta' negozju, membru, amministratur, donatur jew kwalunkwe persuna oħra interessata f'din l-organizzazzjoni b'mod personali".***

La darba ma sar l-ebda intervent, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala seba' u tmenin (87). Jingħalqu l-biebien u jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **87**

Il-mozzjoni tiġi approvata. Jinfetħu l-bibien.

Ir-raba mozzjoni proposta minn Jeremy Mifsud Bonnici, sekondat minn Kylie Decelis, fejn jipproponi mozzjoni f'**Silta 3, Artiklu 3.3.3.**

Tgħid hekk:

***Li jiżdied l-artiklu 3.12 ħalli jirrikonċilja mal-Istatut Ingliz: "Kull persuna, naturali jew legali, li joffru sapport konsiderevoli, f'kull forma, lill-Kunsill u lill-studenti tal-Università ta' Malta. Deċiz permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord waqt laqgħa tal-eżekuttiv permezz ta' vot ta' maġġoranza."***

La darba ma sar l-ebda intervent, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala ħamsa u tmenin (85). Jingħalqu l-biebien u jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **85**

Il-mozzjoni tiġi approvata. Jinfetħu l-bibien.

Il-ħames u l-aħħar mozzjoni proposta minn Christine Sultana u sekondata minn Jeremy Mifsud Bonnici. Tipproponi mozzjoni f' **Silta 5.5, Artiklu 55.**

Tgħid hekk:

***Nipproponi din il-mozzjoni:***

1. ***L-uffiċjal hekk kif imsemmi fl-artikolu 55 (a.) tal-Istatut għandu jinbidel għal "membru mill-eżekuttiv tal-GUG".***
2. ***Artikolu 55 (c.) għandu jinbidel għal: "Laqgħa regolari għandha sseħħ kull xahrejn bejn ir-rappreżentanti tal-KSU u l-Gozo Liason Officer.***

Students' House, University of Malta, Msida, MSD 2080
+356 2340 2104 – info@ksu.org.mt

La darba ma sar l-ebda intervent, is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala ħamsa u tmenin (85). Jingħalqu l-biebien u jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **85**

Il-mozzjoni tiġi approvata. Jinfetħu l-bibien.

**NOMINAZZJONIJIET U PREŻENTAZZJONI TAL-KANDIDATI TAL-EŻEKKUTIV IL-ĠDID.**

Is-Sedja stieden lis-Segretarju Ġenerali jippreżenta n-nominazzjoniet. Is-Sur Camilleri spjega li skont l-Istatut, in-nominazzjonijiet kellhom jiddaħħlu sa' 48 siegħa qabel il-Laqgħa Ġenerali. Huwa kompla jgħid li b'kollox kienu rċevew tnax (12) -il nominazzjoni għal tnax-il post vakant.

Is-Sedja jikkonferma li kien hemm tnax (12) -il nominazzjoni għal tnax (12) -il post vakanti. Jibdew jinqraw il-kumplament tan-nominazzjonijiet li ddaħħlu.

Is-Sedja tinforma lil dawk preżenti li waqt li qed jinqraw in-nominazzjonijiet, ser jsaqsi lil min ippropona u min issekonda lill-Kandidat jikkonferma li qiegħed preżenti fis-sala.

President – Luke Bonanno - Propost minn Hertian Salameh Cachia u sekondat minn Justyn Tabone.

Viċi President għall-Affarijiet Interni – Kristina Felice Pace - Proposta minn Francesca Caruana u sekondata minn Michaela Agius.

Viċi President għall-Affarijiet Esterni – Jan Proschek - Propost minn Martina Pace u sekondat minn Thea Gatt.

Segretarju Ġenerali – Giulia Bugeja - Proposta minn Elisa Micallef Peplow u sekondata minn Jaime Gilson.

Uffiċjal Finanzjarju – Gerard-William Zammit Young - Propost minn Krysta Cutajar u sekondat minn Krista Pisani.

Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Louisa Buhagiar – Proposta minn Leanne Micallef u sekondata minn Katrina Buhagiar.

Uffiċjal għal-Midja u Disinn – Mandy Galea – Proposta minn Jake Govus u sekondata minn Nicola Schembri.

Uffiċjal għall-Affarijiet tal-Istudent u Internazzjonali – Bianca Pace – Proposta minn Cloe Bonello u sekondata minn Emily Cilia.

Uffiċjal Kultura u Divertiment – Julian Azzopardi – Propost minn Milena Pellicano u sekondat minn Gianluca Xuereb.

Koordinatur Kultura u Divertiment – Gwen Camilleri – Proposta minn David Grima u sekondata minn Stephanie Anne Borg.

Uffiċjal Edukazzjoni – Maya Injez Camilleri Sacco – Proposta minn Nicholas Perry u sekondata minn Jerome Vassallo.

Uffiċjal Politika Soċjali – Emma de Gabriele– Proposta minn Bettina Cauchi u sekondata minn Emma Grech.

Is-Sedja sejjaħ għal vot. Nies fis-sala ħamsa u tmenin (85). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **85**

Is-Sedja tistieden lil kull nominat biex jagħmel id-diskors tiegħu. In-nominati se jiġu msejħa skont l-Istatut. Spjega wkoll li wara li jinqraw id-dikorsi kollha tal-kandidati, ħa jittieħed vot ta' fiduċja.

Jibda Luke Bonanno, bħala President.

Isegwu Kristina Felice Pace bħala Vici President għall-Affarijiet Interni

Jan Proschek bħala Viċi President għall-Affarijiet Esterni.

Giulia Bugeja bħala Segretarju Ġenerali

Gerard-William Zammit Young bħala Uffiċjal Finanzjarju

Louisa Buhagiar bħala Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

KUNSILL STUDENTI UNIVERSITARJI

Students' House, University of Malta, Msida, MSD 2080

+356 2340 2104 – info@ksu.org.mt

Mandy Galea bħala Ufficjal Midja u Disinn

Bianca Pace bħala Uffiċjal għall-Affarijiet tal-Istudent u Internazzjonali

Julian Azzopardi bħala Uffiċjal għall-Kultura u Divertiment

Gwen Camilleri bħala Koordinatur Kultura u Divertiment

Maya Injez Camilleri Sacco bħala Uffiċjal Edukazzjoni

Emma de Gabriele bħala Uffiċjal Politika Soċjali

Is-Sedja jinforma li ma kien hemm l-ebda nominazzjoniet oħra għal dawn l-irwoli, allura nistgħu ngħaddu għal vot ta' fiduċja. Jingħalqu l-bibien, nies fis-sala ħamsa u tmenin (85). Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** **0**

**Astensjonijiet:** **0**

**Voti Favur:** **85**

In-nominati kollha jiġu approvati u eletti. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jkompli jgħid li l-Laqgħa Ġenerali issa ġiet fi tmiemha u jixtieq personalment jirringrazzja lil dawk kollha li attendew għal din il-laqgħa. Jirringrazzja wkoll lill-Ezekuttiv u s-Segretarja tal-KSU għax-xogħol tagħhom u jawgura lill-kandidati eletti.

Is-Segretarju Ġenerali rringrazzja lis-Sedja, is-Sur Beppe Lauri, talli aċċetta l-invit tagħna.

**Il-Laqgħa Ġenerali tintemm fis-14.20**